# Il-Monte Della Redenzione Degli Schiavi u Selmun

✍ Jeffrey Sammut

## Malta u l-attakki tal-furbani

Malta minn dejjem sofriet mill-attakki tal-furbani. Dawn kienu jinżlu baxx baxx fis-satra tal-lejl, f'kemm trodd salib iħarbtu u jisirqu kulma jsibu u saż-żerniq ikunu ġa salpaw 'il bogħod sew mill-gżejjer Maltin. Tant kemm hu hekk li l-inħawi tal-Mellieħa kienu jkunu baħħ. Ftit kienu jissograw joqogħdu f'dawn l-inħawi. Ħadd ma ried jispiċċa skjav tal-Misilmin, jaqdef fuq xi biċċa tal-baħar jew jaħdem xogħol iebes f'xi għalqa, bl-ebda tama li għad xi darba jara lil familtu jew pajjiżu.

Mhux li l-Kavallieri u l-Maltin kienu jagħmlulhom għajb. Kif kien jersaq is-sajf kienu jippreparaw ix-xwieni u l-galeri ħalli dlonk ibaħħru lejn il-Lvant u jaraw x'jistgħu jaħtfu taħt idejhom. Kien hemm ħafna li stagħnew għax ġiethom żewġ u ħatfu xi bastiment Mislem mimli bil-merkanzija. Iżda oħrajn spiċċaw ħażin. Jekk it-taqtigħa kienet tintilef, dawk li jibqgħu ħajjin kienu jitkaxkru lejn it-Turkija jew l-Afrika ta' Fuq. Hemmhekk kienu jittieħdu s-suq u jinbiegħu f'irkant; min joffri l-iżjed jixtrik. U minn hemm tibda ħajja ġdida, kollox jiddependi mill-ħniena ta' sidek jew min ikollok fuqek.



Battalja bejn xwieni tal-Kavallieri u bastiment Tork. It-telliefa kienu jispiċċaw skjavi.

## L-inkwiżizzjoni u l-iskjavi

Fi żmien il-Kavallieri f'Malta kien hawn l-Inkwiżizzjoni. Din kienet qorti li tgħarbel lill-Maltin biex tara għadhomx iħaddnu l-fidi Nisranija. Dawk kollha li kien jaqa' suspett fuqhom kienu jittieħdu quddiem l-Inkwiżitur u jekk jinstabu ħatja jiġu kkastigati. Din il-qorti turina ħafna dwar il-ħajja tal-iskjavi.



*Fabio Chigi – Inkwiżitur ta' Malta bejn 1634 u 1639 u li wara laħaq Papa Alessandru VII.*

Xi Isiera Maltin kienu jibdlu r-reliġjon u jsiru Musulmani. Hekk kien ikun jaqbillek. Bħala Musulman kont tista' tixtri l-ħelsien tiegħek. Kont tiġi ttrattat aħjar. Stajt anke tavvanza fil-ħajja. Fit-3 ta' Settembru 1605, ċertu Marku resaq quddiem l-Inkwiżitur biex jispjega l-każ ta' ħuh. Id-dokument jgħid li *"Marku, saraċin (furban) Malti, fisser quddiem il-qorti li wieħed minn ħutu kien inqabad mit-Torok fi ċkunitu u ttieħed f' Konstantinopli. Hu tilef il-fidi Nisranija u llum jismu Ali' Rais. Hu ġieb fid-dinja ħafna wlied, sar għani u dejjem ġieb ruħu tajjeb mal-Insara. Issa jixtieq jerġa' lura f'art Nisranija flimkien mal-familja."* Ta' min jgħid li l-Inkwiżitur laqa' t-talba ta' Marku u ta' ħuh Ali' Rais[1].

Uħud kienu jagħmlu minn kollox biex jaħarbu. Fis-17 ta' Settembru, 1647, Indri Muscat, Għawdxi, resaq minn jeddu quddiem l-Inkwiżitur u stqarr li *"Madwar tnax–il sena ilu, waqajt f'idejn it-Torok fil-Lvant u ġejt imqiegħed fuq xini ta' Konstantinopli. Wara li qdejt fuq dak ix-xini għal ħames snin, meta kont Alak, belt tal-Baħar l-Iswed li tiġi qrib ir-Russja, irnexxieli naħrab billi lbist ta' Tork. Għal tul ta' erba' snin, waqt li kont maħrub u mbiegħed minn xtut il-baħar, jiena u nitkellem kont ngħid li kont Mawmettan, jisimni Segin u mwieled Tuneż. Matul dawk l-erba' snin sħaħ, biex ma jaqbdunix li kont Nisrani, bdejt niekol il-laħam mingħajr ma nagħmel differenza bejn ġurnata u oħra. Imma fil-qalb tiegħi, dejjem żammejt il-fidi Nisranija.[2]"*

B'xi mod, dan Indri spiċċa Malta fejn talab maħfra talli ma baqax fidil għal kollox għar-reliġjon Nisranija.

Fl-1683, ilsir Malti, Ġakbu Testa Bianca kiteb ittra lil oħtu Katarina. Din l-ittra turi d-disperazzjoni li kienu jinsabu fiha dawn l-iskjavi. Ta' min isemmi li dan Ġakbu kienu ilu 32 sena lsir!

## Għażiża oħti Katarina,

*B'din l-ittra miktuba b'idejja stess, ma rridx nonqos milli ngħidlek kemm qiegħed f'qagħda ħażina. Lil marti ma niktbilha kważi qatt. Jidhirli li kien xi ħames snin ilu meta għadda għandkom wieħed Malti jismu Nazju. Dan ġabli r-relikwi li intom bgħattuli. Hu tani aħbarkom. Qalli kemm int qed tbati b'uġigħ ta' ras u kif żewġek Anton ma jabbandunak qatt. Imma jien nilmenta kif intom insejtuni waqt li ninsab f'miżerja kbira. Jiena ma nitolbokx għax int sempliċement oħti. Nitolbuk bid-dmugħ f'għajnejja. M'iniex kapaċi nitkellem iżjed. Jekk intom tagħtu offerta ċkejkna ħafna għalija, jiena nkun nista' neħles minn dan l-infern.*

*Ma nafx l-imsejkna ommi għadhiex ħajja. Ma nafx lanqas jekk marti għadhiex ħajja. Jiena ninsab hawn mingħajr l-ebda faraġ. Ma tasalli l-ebda aħbar. Fin-nuqqas li nkun fih, nikteb lill-patrijiet Kapuċċini ta' Scio biex nara tasallix xi aħbar ta' niesi li tferraħni.*

*Li kieku jkolli niktbilkom fuq it-tbatija li ninsab fiha, intom ma temmnunix. Qed niktbilkom mhux għax għandi jiġri fija d-demm tagħkom imma għax għandkom tħossu għalija anke li kieku kont barrani għalikom. Araw tagħmlux ftit karità miegħi.*

*B'dawn il-kelmiet, jiena nagħlaq billi nsellmilkom għal elf darba. Minn qalbi nbusilkom idejkom. Jekk għal li jista' jkun tkunu tistgħu teħilsu 'l dak it-Tork li jismu Sarraġ Ali', hawn jeħilsu lili. Tistgħu teħilsuni wkoll bil-ħlas ta' 130 biċċa tal-munita ta' hawn. It-Tork li semmejtilkom qiegħed f'idejn maestro Claudio li hu sillar.*

*Ħukom li tant iħobbkom*
*Ġakbu Testa Bianca*[3]

Ma jistax wieħed ma jħossx għal dan l-imsejken!

## Il-Ħelsien tal-Insara

Ilsir seta' jinħeles meta kien isir tpartit ta' priġunieri jew billi l-familjari jew ħbieb tiegħu jħallsu biex jinfeda. Imma ma kinitx ħaġa faċli. Ħafna ma kinux jifilħu jħallsu biex jeħilsu l-għeżież tagħhom.

Imma kien hemm xaqq ta' dawl. Fl-1607, Patri Kappuċċin, Fr Giovanni Maria Minniti, waqt xi prietki li għamel fir-Randan, semma' t-tbatija li kienu jgħaddu minnha l-insara maħtufa mill-Misilmin. Kien hemm ħafna nies li impressjonaw ruħhom b'dan il-kliem, tant li saret ġabra ta' flus biex jinħelsu xi lsiera. Ġie deċiż ukoll li titwaqqaf fondazzjoni għal dan il-għan. L-isem ta' din il-fondazzjoni kellu jkun 'Monte Della Redenzione Degli Schiavi' jew Monti għall-Fidwa tal-Insara. Il-Granmastru Wignacourt ta l-permess tiegħu biex din il-fondazzjoni setgħet ssir.[4]



*L-arma tal-Monte Della Redenzione fuq il-Palazz ta' Selmun. Il-palazz kien għadu ma nbeniex meta twaqqfet il-Monti.*

Il-Monti kellu jħallas biss parti mill-flus mitluba mill-Misilmin, qatt is-somma kollha. Il-familja tal-ilsir kellha toħroġ il-bqija tal-flus. Fil-bidu, il-Monti kien joħroġ 70 skud għal kull Malti. Ftit wara, is-somma telgħet għal 120 skud. Fl-1701, is-somma maħruġa mill-Monti kienet ta' 150 skud waqt li fl-1787, is-somma ġiet stabbilita għal 500 skud. Ta' min isemmi li peress li l-kavallieri kienu nies nobbli u sinjuri, meta dawn kienu jinqabdu priġunieri, it-talba għall-fidwa tagħhom kienet tkun għolja ferm. Għalhekk, il-Monte Della Redenzione kienet toħroġ ħafna aktar flus biex teħles kavallier milli Malti.[5]

Kull sena kienet issir lista ta' dawk li waqgħu lsiera u wara li jaraw kemm setgħet toħroġ flus il-Monti, kienu jittellgħu l-ismijiet bix-xorti. Kienet tingħata preferenza lil dawk li waqgħu lsiera waqt taqbid mal-Misilmin, lill-fqar u lil dawk li kienu fir-riskju li jitilfu l-fidi tagħhom.

Iżda l-bidu kien diffiċli. Il-Fondazzjoni ftit kellha flus. Kienet tiddependi ħafna fuq il-karità tan-nies. Kien isir ġbir fl-ibliet u l-irħula Maltin. Ħafna nies kienu jagħtu milli kellhom, xi ħxejjex tar-raba' u xi frott li kien jinbiegħ b'risq din il-karità. Għalhekk qatt ma nġabru somom kbar. Kellha tkun Katarina Vitale li tat ir-ruħ lil din il-Fondazzjoni.[6]

## Katerina Vitale u t-testment tagħha

Katerina Vitale xtrat l-art ta' Selmun u l-madwar fl-4 ta' Awwissu 1600 mingħand ċertu Don Geronimo Bellomi, minn Sirakuża li kien prokuratur għal Don Francischello u Don Giovanni Platamone. Tħallset is-somma ta' 7,300 skud.

Fit-testment tagħha tat-28 ta' Marzu 1618, Katerina ħalliet parti kbira mill-ġid tagħha, inkluż l-artijiet ta' Selmun u xi djar fil-Belt Valletta lill-Monte della Redenzione. Katerina mietet fit-3 ta' April 1619 u ġisimha nġieb Malta minn Sirakuża. Illum tinsab midfuna fil-Knisja tal-Karmnu fil-Belt Valletta.

Għal ħafna snin, ħadd ma kien jaf sew min kienet din Katerina Vitale. Il-laqam tagħha kien 'La Speziala' – l-Ispiżjara. Ittra li ntbagħtet mill-Ordni ta' San Ġwann lill-Vatikan, meta twaqqaf il-Monte, tat ħjiel li din seta' kellha passat dubjuż[7]. Dokumenti li nstabu xi snin ilu kixfu ħafna dwar ħajjitha!

## Min kienet Katerina Vitale?

Katerina twieldet fl-1566 u trabbiet fil-Belt Valletta. Iżżewġet lin-Naplitan Ettore Vitale, li kien l-ispiżjar ewlieni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Romlot ta' 27 sena u ħadet taħt idejha l-ispiżerija ta' żewġha. B'hekk spiċċat tipprovdi l-mediċini lis-Sagra Infermerija, l-isptar ewlieni tal-Ordni ta' San Ġwann. Dak iż-żmien kienet ħaġa rari li mara tikseb din il-pożizzjoni għolja![8] Iżda mhux kollox kien ward u żahar.

Żewġ skjavi li kellha xehdu quddiem l-inkwiżitur li Katerina kienet tidlek dahar l-ilsiera tagħha, inkluż lilhom stess, b'xaħam jagħli, melħ u ħall, u wara ssawwathom bi frosta mxarrba bl-ilma. Xi drabi kienet torbothom rashom 'l isfel bi ktajjen tqal. It-tabib li tqabbad mill-Inkwiżitur biex jeżamina l-iskjavi seta' jikkonferma dan kollu.

Ġiet akkużata wkoll li tagħmel is-sħarijiet u li bihom ġibdet kavallieri u rġiel oħra lejn is-sodda tagħha. Ittellgħu l-qorti xi rġiel li xehdu li Katerina kienet korteġġjana, jiġifieri kienet tieħu l-flus biex twettaq għemil żieni.

L-inkwiżitur Della Cordaba sabha ħatja ta' dan kollu u wara li wissieha kontra l-prostituzzjoni, ikkundannaha biex ma toħroġx mid-dar u li riedet tħallas 300 skud multa jekk tikser din l-ordni. Ta' min jgħid li ħelsitha daqshekk ħafif minħabba li kellha ħbieb f'pożizzjonijiet għoljin kemm f'Malta kif ukoll barra.

Sadanittant bintha Isabella kienet daħlet soru tal-klawsura tar-'Repentite'. Dan m'għoġobx lil Katerina, tant li marret fil-kunvent u qajmet għagħa sħiħ. L-inkwiżitur sejħilha mill-ġdid u wissieha li se tispiċċa f'inkwiet kbir. Iżda hi ma qatgħetx qalbha u baqgħet sakemm bintha ħarġet mill-kunvent u żżewġet lil Centorio Cagnolo. Iżda l-Kunvent tar-'Repentite' ressaq lil Katerina l-qorti biex tħallas għall-ispejjeż li l-kunvent ħareġ biex imanti lil Isabella sakemm damet f'dan il-post. Il-qorti aċċettat it-talba tal-kunvent.

Aktar tard Isabella fittxet lil ommha biex tħallas xi flus li kienet wegħditha qabel iżżewġet kif ukoll biex tagħtiha d-dota. Katerina tilfet il-kawża u appellat. Però kien kollu ta' xejn għax il-qorti ġegħlitha tħallas il-manteniment u d-dota. Fl-aħħar sar ftehim bejn Katerina u bintha bil-kundizzjoni li l-ħlas ma seta' jinkludi qatt artijiet jew proprjetajiet li Katerina kellha f'Selmun u l-inħawi[9].

Katerina mietet ta' 53 sena f'Sirakusa. Ħalliet 20 fil-mija tal-ġid tagħha lill-Kunvent tar-'Repentite', forsi b'dispjaċir għal dak li kienet għamlet ftit tas-snin qabel. Ħalliet flejjes lil ħafna knejjes – dawn biex jintużaw ħalli fost l-oħrajn jinxtara l-ħobż għall-foqra. Tat xi affarijiet bħal ħwejjeġ, fided u dehbijiet biex xebbiet foqra jkunu jistgħu jiżżewġu. Ħelset ilsira li kien fadlilha magħha u tatha għamara u ħwejjeġ. Bintha baqgħet b'dak li ħadet fil-ftehim li kien sar meta spiċċaw il-qorti. Ma ħadet l-ebda sold ieħor. Il-bqija ta' ġidha mar kollu għall-Monte Della Redenzione Degli Schiavi.[10]

## Il-ġid ta' Katerina Vitale u l-fidwa tal-ilsiera

Il-Fondazzjoni tant stagħniet b'dan il-wirt li ma kellhiex aktar bżonn tal-flus mingħand in-nies biex taqdi dmirha. Fl-1735, il-Monte għamlet inventarju tal-propjetajiet li kellha f'Selmun. Taħt idejha kien hemm erba' widien kbar u tlieta żgħar bil-bajjiet magħhom. Kien hemm ukoll xi mħażen, loġġa u bir kbir quddiemha, xi stalel tan-ngħaġ, torri f'Għajn Ħadid u batterija fil-ponta tal-Mistra. Kien hemm għejun tal-ilma fil-bidu tat-triq li tagħti



*Il-pittura ta' Favray li turi lil Katerina Vitale tagħti ġidha lill-Monte della Redenzione.*

għall-Mellieħa, fil-Grigal tal-art, fil-ponta tal-Fekruna, int u tiela' lejn l-għolja ta' Selmun u taħt it-Torri t'Għajn Ħadid. Kien hemm ukoll xi tliet jew erba' vini ta' ilma ġieri f'wied fil-viċin (aktarx l-Imġiebaħ) li kienu jispiċċaw fil-baħar. Il-konfini tal-art kienu jaslu sal-baħar fil-Lvant, sal-port tal-Mistra fin-Nofsinhar, sat-triq li tagħti għall-Mellieħa, sax-xagħra qrib Għajn Żebbuga, aktarx Għajn Żejtuna, fil-Punent u sal-port tal-Mellieħa fit-Tramuntana[11]. Dan juri l-firxa ta' art enormi li Katerina ħalliet lil din il-Fondazzjoni. Din l-art kienet tinkera lill-bdiewa u r-raħħala u l-qligħ li dan kien iġib kien jintuża biex jinħelsu aktar skjavi.

L-arma tal-Monti tal-Fidwa tal-Insara turi tliet għoljiet jew ħobżiet u l-ittra R (għar-Redenzione) fuqhom. Din l-arma tnaqqxet fuq il-ħitan u l-bini f'Selmun biex turi li l-art kienet tal-fondazzjoni. Insibuha fuq il-Bieb tal-Mistra, fuq ħajt ftit metri bogħod taħt il-pont tal-Mistra, fuq ħajt ieħor fit-telgħa tal-Mellieħa fejn kien hemm it-triq l-antika li twassal għal Selmun (din l-arma tmermret), fuq il-Bir tal-Ħnejja f'Selmun u fuq il-Palazz ta' Selmun.

Il-pittura ta' Antoine Favray (1706 -1798) li dari kienet tinsab fil-Palazz ukoll tfakkarna fil-fidwa tal-ilsiera. Fil-fatt hija ddedikata lill-Madonna tal-Ħniena. Turi lil Katerina Vitale tagħti ġidha lil figura li tirrappreżenta lil Malta jew l-Ordni ta' San Ġwann. Mal-art jidhru żewġ ilsiera marbuta bil-ktajjen, b'waħda minnhom tbus id Katerina. Din il-pittura llum tinsab fil-Kappella ta' Selmun wara li tneħħiet mill-Palazz meta l-kappella li kien hemm fih inbidlet f'restorant.[12]

## Għeluq

Selmun u l-inħawi tiegħu, minsija u mwarrba, kellhom jagħtu sehemhom biex ħafna msejkna jerġgħu jsibu l-libertà. Kien bl-għaraq ta' ġbin il-bdiewa li ħadmu l-art tal-madwar u li ħallsu l-qbiela lill-Monte Della Redenzione, kif ukoll tal-wirt ta' Katerina Vitale, li ħafna Maltin ilsiera setgħu jiksbu l-ħelsien u jħaddnu lura lill-familjari tagħhom u lil art twelidhom.

### Riferenzi


1 Bonnici Alexander (1990) – *Storja tal-Inkiżizzjoni ta' Malta Vol 1* - OFCM, Rabat, Malta pg. 166

2 Ibid pg 303

3 Bonnici Alexander (1990) – *Storja tal-Inkiżizzjoni ta' Malta Vol 2* - OFCM, Rabat, Malta pg. 218

4 Azzopardi Fr. Francis OFM (2002) - *'Foundation for the Redemption of Christian Slaves',* - *The Sunday Times* 29th September, 2002.

5 Zammit Vincent (1986) – *'Monte Della Redenzione Degli Schiavi'* - *fil-Festa ta' Marija Bambina Il-Mellieħa 1986.* pg 37

6 Borg Paul P. (1996) – *Selmun – A Story of Love* - Union Print Valletta pg22-25

7 Ibid pg 25-27

8 Carabott Sarah (2015) *'Remarkable women in the History of Malta'* - *The Times of Malta* 13th October 2015

9 Bonello Giovanni (2003) *'But who was Caterina Vitale?' The Sunday Times of Malta* 21st December 2003

10 Bonello Giovanni (2003) *'But who was Caterina Vitale?' The Sunday Times of Malta* 28th December 2003

11 Borg Paul P. (1989) *Selmun u l-Inħawi* - Interprint Ltd 1989 pg 18-19

12 Zammit Vincent (1986) op.cit pg 38



**L-Arċipriet Kan. Joe Caruana**
**u l-Kleru: Mons. Mosè Debono, Dun Joe Farrugia,**
**Dun Mario Dimech u Dun Claude Mifsud**
**flimkien mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali**
**jawguraw**

**il-festa t-tajba lil kulħadd.**

**L-isbaħ ġieħ u mħabba li aħna nistgħu nuru lejn Marija Bambina huwa li:**

- **Nieħdu sehem sħiħ u attiv fil-funzjonijiet tal-Knisja.**
- **Nisimgħu l-Kelma ta' Alla dwar il-Virtujiet tal-Madonna.**
- **Nersqu lkoll kemm aħna għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin.**